



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0323/2012

15.10.2012

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2011/019 ES/Galicia Metal, imressqa minn Spanja)
(COM(2012)0451 – C7-0214/2012 – 2012/2160(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Is-Sur Alexander Alvaro

WERREJ

| | Paġna |
|--|--------------|
| MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW | 3 |
| ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta' | 7 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 9 |
| ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI | 13 |
| RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT | 16 |

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2011/019 ES/Galicia Metal, imressqa minn Spanja) (COM(2012)0451 – C7-0214/2012 – 2012/2160(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0451 – C70214/2012),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ (l-FII tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni² (ir-Regolament dwar il-FEG),
- wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0323/2012),

- A. billi l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji u biex jiġu meġġuna jergġu jintegraw fis-suq tax-xogħol,
- B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,
- C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG,

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

- D. billi Spanja talbet għajnuna għal 878 sensja, li 450 minnhom huma fil-mira tal-għajnuna mill-FEG, wara sensji f'35 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir")¹ fir-reġjun NUTS II ta' Galicia (ES11) fi Spanja,
- E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEG,
1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li, għalhekk, Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;
 2. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fit-28 ta' Diċembru 2011, akkumpanjata minn informazzjoni addizzjonali sat-28 ta' Mejju 2012, u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fid-9 ta' Awwissu 2012; josserva li l-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni setgħa kien aktar rapidu;
 3. Jinnota li s-sensji fl-industrija anċillari tal-bini tal-bastimenti se jiggravaw is-sitwazzjoni diffiċli tal-impjiegi fir-reġjun tal-Galicia; josserva li tradizzjonalment, is-setturi ekonomiċi ewlenin fil-Galicia kienu s-sajd, flimkien mas-setturi tal-karozzi, it-tessuti, dak relatat mal-ġebbla naturali u t-tarzni; madankollu, minħabba l-impatt tal-kriżi, il-perspettivi tar-reintegrazzjoni futura fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja f'dan it-territorju, ma jidhrux inkoraġġanti ħafna;
 4. Jinnota li s-sitwazzjoni tal-impjiegi fir-reġjun hi waħda diffiċli peress li r-rati tal-qgħad laħqu t-18 % għan-nisa u s-16.32 % għall-irġiel fi tmiem l-2011; jilqa' l-fatt li l-FEG hu meqjus bħala għodda effiċjenti għall-appoġġ tas-swieq tax-xogħol lokali u li r-reġjun diġà applica għall-appoġġ mill-FEG (EGF/2010/003 ES/Galicia Textiles);
 5. Jinnota, li filwaqt li l-previżjonijiet fil-livell tal-UE dwar l-irkupru tas-settur tal-bini tal-bastimenti kien pjuttost ottimist, l-ordnijiet il-ġodda naqsu b'mod mhux mistenni bi 43 %;
 6. Jilqa' l-fatt li, biex il-ħaddiema jkunu pprovdu b'assistenza rapida, l-awtoritajiet Spanjoli ddeċidew li jibdeu l-implimentazzjoni tal-miżuri fit-23 ta' Marzu 2012, sew qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;
 7. Ifakkar fl-importanza li titjieb l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adatt u r-rikonossiment tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għall-bżonnijiet tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja, iżda wkoll għall-ambjent attwali tan-negozju;
 8. Jilqa' l-fatt li l-awtoritajiet reġjonali involvew rwieħhom fi djalogu mas-šhab soċjali sabiex

¹Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

jippjanaw u jimplimentaw il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati;

9. Jilqa' l-fatt li s-sħab soċjali pparteċipaw fl-ippjanar tal-miżuri li jikkonċernaw l-applikazzjoni FEG u mistennija jieħdu sehem fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri;
10. Jinnota li l-pakkett koordinat jipprevedi bosta inċentivi għall-parteeipazzjoni biex jinkoraġġixxu l-parteeipazzjoni fil-miżuri: benefiċċju għat-tfittxija ta' impjeg (EUR 400) (somma f'daqqa) inċentiv għar-rikollokament (EUR 200), benefiċċju għall-mobilità (EUR 180), benefiċċju għal taħriġ fuq ix-xoġhol (EUR 300); ifakkar li l-appoġġ mill-FEG għandu jkun allokata primarjament għal taħriġ u għat-tfittxija ta' impjeg kif ukoll għal programmi ta' taħriġ, minflok ma jikkontribwixxi direttament għal benefiċċji tal-qgħad li huma r-responsabilità tal-istituzzjonijiet nazzjonali;
11. Jenfasizza l-fatt li għandhom jinsiltu tagħlimiet mit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u oħrajn li jindirizzaw sensji tal-massa, speċjalment dawk li jikkonċernaw numru kbir ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju f'settur ekonomiku wieħed;
12. Jiddispjaċih li l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' taħriġ ma tiddekrivix f'liema setturi l-ħaddiema x'aktarx isibu impjeg u jekk il-pakkett ġiex adattat għall-prospetti ekonomiċi għall-ġejjieni fir-reġjun;
13. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-Fond; jittama li jiġi integrat aktar titjib proċedurali fir-Regolament il-ġdid dwar il-FEG (2014-2020) u li jinkisbu aktar effiċjenza, trasparenza, viżibbiltà u segwitu tal-FEG;
14. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fir-riintegrazzjoni fis-suq tax-xoġhol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;
15. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-reintegrazzjoni f'xoġhol stabbli u fuq tul ta' żmien twil ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; barra dan jenfasizza li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xoġhol attivi li jwasslu għal impjegi fit-tul; itenni li l-ġhajjnuna mill-FEG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi; jiddeplora l-fatt li l-FEG jista' jipprovidi inċentiv għall-kumpaniji sabiex jissostitwixxu l-forza tax-xoġhol kuntrattwali tagħhom b'waħda aktar prekarja u għal terminu ta' żmien qasir;

16. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;
17. Jilqa' l-fatt li wara talbiet ripetuti mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-oġettivi u bl-iskadenzi proprji tiegħu u, għalhekk, jistħoqqlu allokkazzjoni ddedikata, li se tevita t-trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-FEG;
18. Jiddispaċi bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-ġoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali flimkien ma' dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, u li tippermetti żieda tar-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni għal 65% tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jitlob lill-Kunsill jerġa' jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;
19. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta'

tal-xxx

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (l-applikazzjoni EGF/2011/019 ES/Galicia Textiles minn Spanja)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni², u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija b'riżultat tal-globalizzazzjoni u biex dawn jiġu meġġuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xoġhol.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Spanja ppreżentat applikazzjoni fit-28 ta' Diċembru 2011 biex timmobilizza l-FEG fir-rigward tas-sensji f'878 f'35 impriżi li joperaw fid-Diviżjoni 25 ('Manifattura ta' prodotti tal-metal għajr makkinarju u tagħmir') tan-NACE Reviżjoni 2 fir-reġjun NUTS II (ES11) u ssupplimentatu b'taġġir addizzjonali sat-28 ta' Mejju 2012. Din l-applikazzjoni hi konformi mar-rekwiżiti biex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk, tipproponi li jiġi mmobilizzat l-ammont ta' EUR 2 029 235.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa minn Spanja.

JIDDEĊIEDU:

Artikolu 1

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 029 235 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

I. L-isfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi għajnuna addizzjonali lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'konsegwenza ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006², il-Fond ma jistax jaqbeż ammont massimu ta' EUR 500 miljun, meħud minn kwalunkwe margġini taħt il-limitu massimu tal-infiq globali mis-sena preċedenti, u/jew mill-approprijazzjonijiet għall-impenji li jkunu ġew ikkanċellati mis-sentejn preċedenti, esklużi dawk relatati mal-Intestatura 1b. L-ammonti xierqa jiddaħħlu fil-baġit b'mod provviżorju hekk kif ikunu ġew identifikati l-margġnijiet suffiċjenti u/jew l-impenji kkanċellati.

Fir-rigward tal-proċedura sabiex tattiva l-Fond, fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, il-Kummissjoni tippreżenta lill-awtorità baġitarja proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess ħin, talba korrispondenti għat-trasferiment. B'mod parallel, jista' jiġi organizzat trilogu bil-għan li jinstab qbil dwar l-użu tal-Fond u l-ammonti meħtieġa. It-trilogu jista' jsir f'forma ssimplifikata (miktuba).

II. Is-sitwazzjoni attwali: Il-proposta tal-Kummissjoni

Fid-9 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni adottat proposta ġdida għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur Spanja sabiex il-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba tibdil strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija jiġu meġġuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Din hija l-għaxar applikazzjoni li se tiġi eżaminata fil-baġit 2012 u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont globali ta' EUR 4 325 854 mill-FEG għal Spanja u tikkostitwixxi id-19-il applikazzjoni ta' Spanja għall-mobilizzazzjoni tal-FEG mill-istabbiliment tal-Fond. L-applikazzjoni tindika 878 sensja f'35 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir") fir-reġjun NUTS II ta' Galicia (ES11) matul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur mit-23 ta' Marzu 2011 sat-23 ta' Diċembru 2011. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-28 ta' Diċembru 2011 u ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sal-28 ta' Mejju 2012. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stipulati fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u li tressqet fi żmien l-iskadenza ta' 10 ġimgħat imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Wieħed mill-kriterji għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni kien l-evalwazzjoni tar-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali kbar li seħħew fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni. L-awtoritajiet Spanjoli jispegaw li l-industrija tal-bini tal-bastimenti

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

tikkonsisti fi tliet oqsma ta' attività ewlenin: il-manifattura ta' tagħmir ieħor ta' trasport (NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 30), it-tiswija u l-installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir (NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 33) u l-manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir (NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 25). L-intrapriżi kkonċernati mill-applikazzjoni huma l-manifatturi ta' prodotti tal-metall iffabbrikat li joperaw fl-industrija anċillari tal-bini tal-bastimenti. Skont data mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità tat-Tarznari Ewropej (CESA)¹ u Gerencia del Sector Naval (GSN)², li huwa korp taħt il-Ministeru Spanjol tal-industrija, l-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li l-kriżi finanzjarja globali bidlet bosta mill-kundizzjonijiet u l-aspettattivi għall-iżvilupp futur tas-suq tal-bini tal-bastimenti. Il-kotba tal-ordnijiet tat-tarznari Ewropej naqsu kemm f'TGK³ u kemm fit-termini tal-valur bħala effett tal-kriżi ekonomika globali. Il-ktieb Ewropew tal-ordnijiet naqas minn 13.69 miljun TGK għal 9.47 miljun TGK bejn l-2008 u l-2009, u kompla jonqos għal 6.39 miljun TGK fl-2010. F'Settembru 2011 il-ktieb tal-ordnijiet kien juri 5.95 miljun TGK. F'termini ta' valur il-ktieb Ewropew tal-ordnijiet naqas minn 52,616 miljun TGK għal 36,558 miljun TGK bejn l-2008 u l-2009, u kompla jonqos għal 27,031 miljun TGK fl-2010.

L-awtoritajiet Spanjoli jenfasizzaw li l-ordnijiet il-ġodda, wara li minn 2 144 000 TGK naqsu għal 561 000 TGK bejn l-2008 u 2009, irkupraw għal 2 459 000 TGK fl-2010 u reġgħu naqsu fl-2011. F'Settembru 2011 l-ordnijiet il-ġodda kienu jammontaw għal 1 402 000. Dan kollu huwa 'l bogħod ħafna mil-livell ta' qabel il-kriżi ta' 5 425 000 TGK fl-2007. Ir-rapporti annwali ta' CESA għall-2009, l-2010 u l-2011 juru li l-forza tax-xogħol fil-bini tal-bastimenti fl-Ewropa naqset bi 23 % matul l-aħħar tliet snin, minn 148 792 ħaddiem fl-2007 għal 114 491 fl-2010. Il-forza tax-xogħol fuq bini ġdid saħansitra naqset b'mod aktar drastiku, bi 33 %, minn 93 832 fl-2007 għal 62 854 fl-2010.

L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li l-evoluzzjoni tal-bini tal-bastimenti fi Spanja segwiet ix-xejra negattiva osservata fil-livell Ewropew. Il-ktieb Spanjol tal-ordnijiet naqas minn 1 052 805 TGK għal 815 134 TGK bejn l-2008 u l-2009, u kompla jonqos għal 549 963 TGK fl-2010. F'Settembru 2011 il-ktieb tal-ordnijiet kien juri 282 339 TGK. Dan jirrappreżenta tnaqqis akkumulat ta' 73.18 % meta mqabbel mal-2008. L-ordnijiet il-ġodda, wara li minn 363 595 TGK naqsu għal 61 880 TGK bejn l-2008 u 2009, irkupraw għal 148 051 TGK fl-2010 u reġgħu naqsu fl-2011. L-ordnijiet il-ġodda f'Settembru 2011 kienu jammontaw biss għal 9 477 TGK.

Is-settur tal-bini tal-bastimenti ta' Galicia jirrappreżenta 45 % tas-settur Spanjol tal-bini tal-bastimenti. B'konsegwenza diretta tat-tnaqqis ta' ordnijiet ġodda, il-forza tax-xogħol tal-bini tal-bastimenti f'Galicia naqset bi 30 % matul l-aħħar tliet snin, minn 10 000 ħaddiem (3 500 impjieg dirett u 6 500 impjieg fl-industrija anċillari) fi tmiem l-2008 għal 7 000 f'Ottubru 2011.

Minn barra l-argumenti ppreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli, dawk iżviluppanti f'każijiet preċedenti relatati mal-bini tal-vapuri u ma' industrijiet relatati (EGF/2010/001

¹ http://www.cesa.eu/links_downloads# (rapporti annwali).

² <http://www.gernaval.org/> (rapporti annwali).

³ Tunnellaġġ gross ikkumpensat (CGT) hu indikatur tal-ammont ta' xogħol li hu meħtieġ biex jinbena bastiment partikolari u hu kkalkulat billi t-tunnellaġġ tal-bastiment jiġi mmultiplikat b'koeffiċjent, li jiġi determinat skont it-tip u d-daqs tal-bastiment partikolari.

DK/Nordjylland, EGF/2010/006 PL/H. It-tarzna tal-azzar ta' Cegielski-Poznan, EGF/2010/025 DK/Odense u t-tarzna tal-azzar EGF/2011/008 DK/Odense¹) jibqgħu validi

L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu ulterjorment li l-previżjonijiet fil-livell tal-UE dwar l-irkupru tas-settur tal-bini tal-bastimenti kienu pjuttost ottimisti. Dawn l-aspettattivi pożittivi kienu ssodisfati fl-2010 meta l-ordnijiet il-ġodda, wara tnaqqis b'76 % fl-2009 meta mqabbel mal-2008, żdiedu b'mod li qabżu n-numru ta' ordnijiet ġodda fl-2008 b'16 %. Madankollu, it-tendenza li jiżdiedu daret mill-ġdid għall-għarrieda fl-2011, meta l-ordnijiet il-ġodda naqsu bi 43 %. Din ir-riċessjoni ġdida fis-settur kienet impossibbli li titbassar.

Il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament, inkluż il-kompatibilità tiegħu ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, jinkludi miżuri għar-reintegrazzjoni tal-450 ħaddiem fil-mira fis-suq tax-xogħol, bħal informazzjoni u sessjoni ta' merħba, sessjonijiet ta' ħidma preparatorji, gwida dwar ix-xogħol, orjentament lejn il-ħolqien ta' negozju jew impjieg indipendenti, taħriġ dwar iċ-ċertifikazzjoni professjonali, tekniki għat-tiftix tax-xogħol, ħiliet orizzontali u vokazzjonali, intraprenditorija u amministrazzjoni tan-negozju, għajna intensiva għat-tiftix ta' impjieg, taħriġ individwali wara l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, ċertifikazzjoni ta' esperjenza preċedenti, għajna għat-tiftix ta' opportunitajiet għal impjieg indipendenti, taħriġ fuq il-post tax-xogħol, benefiċċju għat-tiftix tax-xogħol, kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' vjaġġar, inċentivi għar-rikollokament, għajna għal dawk li jieħdu ħsieb persuni dipendenti, benefiċċju għat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol.

Skont l-awtoritajiet Spanjoli, il-miżuri kollha msemmija qabel, flimkien jiffurmaw pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati u jirrappreżentaw miżuri attivi għas-suq tax-xogħol immirati biex jintegraw mill-ġdid lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Dawn is-servizzi personalizzati bdew fit-23 ta' Marzu 2012.

Fir-rigward tal-kriterji inklużi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Svediżi fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
- urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess entitajiet li jmexxu u jikkontrollaw il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fi Spanja. Xunta de Galicia u b'mod partikolari l-Consellería de Faċenda – Dirección Xeral de Planificación e Fondos b'kooperazzjoni mal-Consellería de Traballo e Benestar - Dirección Xeral de Relacións Laborais tkun il-korp intermedjarju għall-awtorità tal-ġestjoni.

¹ Rispettivament COM(2010) 451, COM(2010) 631, COM(2011) 251 u COM(2012) 272.

Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti fir-Regolament dwar il-FEG u tirrakkomanda lill-Awtorità tal-Baġit tapprova l-applikazzjonijiet.

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Awtorità tal-Baġit talba ta' trasferiment għal ammont globali ta' EUR 2 029 235 mil-linja ta' riżerva 40 02 43 tal-FEG f'impenji għal-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG.

Il-FII jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

Din hija l-għaxar proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ippreżentata lill-Awtorità tal-Baġit fl-2012. Għaldaqstant, wara li l-ammont attwali mitlub (EUR 2 029 235) jitnaqqas mill-appropriazzjonijiet disponibbli, jibqa' disponibbli ammont ta' EUR 474 797 228 sa tmiem l-2012. Dan se jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-FEG jibqa' disponibbli għal allokkazzjonijiet matul l-aħħar erba' xhur tas-sena 2012, kif meħtieġ fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-FEG.

III. Il-proċedura

Il-Kummissjoni ppreżentat talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal appropriazzjonijiet ta' impenn speċifiċi fil-baġit 2012, kif mitlub fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

It-trilogu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG jista' jieħu forma ssimplifikata, kif previst fl-Artikolu 12(5) tal-bażi legali, sakemm ma jkunx hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) għandu jkun assoċjat mal-proċess, sabiex jipprovdi appoġġ u kontribut kostruttivi għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond. L-EMPL għażel li jippreżenta emendi flimkien mal-ittra ta' opinjoni tradizzjonali, għar-rapport sabiex jesprimi l-pożizzjoni tiegħu u l-kontribut kostruttiv tiegħu.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, ikkonfermat l-importanza li tiġi żgurata proċedura rapida, bir-rispett dovut għall-Ftehim Interistituzzjonali għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

EK/iċ
D(2012)47709

Is-Sur Alain Lamassoure
President tal-Kumitat għall-Baġits
ASP 13E158

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) fil-każ EGF/2011/019 ES/Galicia Metal minn Spanja (COM(2012)451 finali)

Sur President,

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) kif ukoll il-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG eżaminaw il-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ **EGF/2011/019 ES/Galizja Metal minn Spanja** u adottaw l-opinjoni li ġejja.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-FEG huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond fir-rigward ta' din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL jippreżenta xi rimarki mingħajr, madankollu, ma jqajjem dubju dwar it-trasferiment tal-pagamenti.

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL huma msejsa fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- A) Billi din l-applikazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 2(b) tar-Regolament FEG bl-għan li tingħata l-għajnuna lil 450 ħaddiem mit-total ta' 878 ħaddiem li ngħataw is-sensja f'35 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir") fil-perjodu ta' referenza bejn it-23 ta' Marzu 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 fir-reġjun NUTS II ta' Galicia (ES11).
- B) Billi l-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li s-sensji kienu kkawżati mill-kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi globali li laqtu lil Spanja u effettwaw serjament is-settur tal-bini tal-bastimenti tagħha u b'mod partikolari il-qasam ta' attività imsejħa "Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir";
- C) Billi dan il-każ ġdid li jikkonċerna l-industrija tal-bini tal-bastimenti fi Stat Membru wieħed juri l-ħtieġa ta' strateġija industrijali tal-UE u ta' aġġornament tal-prattiki ta' ristrutturar;
- D) Billi b'riżultat tal-kriżi, is-settur tal-bini tal-bastimenti fi Spanja soffra minn tnaqqis kontinwu fl-ordnijiet li ammontaw għal 73,18 % ta' tnaqqis bejn l-2008 u l-2010;
- E) Billi l-industrija tal-bini tal-bastimenti ta' Galicia tirrapreżenta 45 % tas-settur tal-bini tal-bastimenti Spanjol u l-forza tax-xogħol f'dan ir-reġjun li naqset bi 30 % fil-perjodu 2008-2011

- F) Billi 93.96 % tal-ħaddiema li l-miżuri huma maħsuba għalihom huma rġiel u 6.04 % huma nisa; billi 92.02 % tal-ħaddiema għandhom bejn 24 u 54 sena u 3.99 % tal-ħaddiema għandhom iktar minn 55 sena;
- G) Billi l-istruttura okkupazzjonali tal-forza tax-xogħol li nġhatat is-sensja hi diversa u 52.96 % tal-ħaddiema għandhom biss edukazzjoni bażika u kważi 15 % m'għandhomx edukazzjoni jew ċertifikat tat-tluq mill-iskola;

Għaldaqstant, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jintegra s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni Spanjola:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament FEG (1927/2006) huma ssodisfati u li, għalhekk, Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;
2. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fit-28 ta' Diċembru 2011 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea fit-9 ta' Awwissu 2012; jiddispjaċih li l-proċedura ta' valutazzjoni damet daqshekk;
3. Jinnota li s-sitwazzjoni tal-impjiegi fir-reġjun hi waħda diffiċli peress li r-rati tal-qgħad laħqu t-18% għan-nisa u s-16.32% għall-irġiel fi tmiem l-2011; jilqa' l-fatt li l-FEG hu meqjus bħala għodda effiċjenti għall-appoġġ tas-swieq tax-xogħol lokali u li r-reġjun diġà applica għall-appoġġ mill-FEG (EGF/2010/003 ES Galicia/settur tat-tessuti);
4. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli jinfurmaw li, fil-valutazzjoni tagħhom imsejsa fuq l-esperjenza ta' applikazzjonijiet preċedenti tal-FEG, se jkunu biss 450 ħaddiem fil-mira tal-appoġġ tal-FEG li se jagħżlu li jipparteċipaw fil-miżuri; jistieden lill-awtoritajiet Spanjoli jużaw il-potenzjal kollu tal-għajnuna mill-FEG;
5. Jilqa' l-fatt li, biex il-ħaddiema jkunu pprovduti b'assistenza rapida, l-awtoritajiet Spanjoli ddeċidew li jibdeu l-implimentazzjoni tal-miżuri fit-23 ta' Marzu 2012, perjodu ta' żmien sew qabel id-deċiżjoni finali dwar l-ġhoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;
6. Jilqa' l-fatt li l-awtoritajiet reġjonali involvew rwieħhom fi djalogu mas-sħab soċjali sabiex jippjanaw u jimplimentaw il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati;
7. Jinnota li l-pakkett koordinat jipprevedi bosta inċentivi għall-parteċipazzjoni biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fil-miżuri: benefiċċju għat-tfittxija ta' impjieg (EUR 400) (somma f'daqqa) inċentiv għar-rikollokament (EUR 200), benefiċċju għall-mobilità (EUR 180), benefiċċju għal taħriġ fuq ix-xogħol (EUR 300); ifakkar li l-appoġġ mill-FEG għandu jkun allokat primarjament għal taħriġ u għat-tfittxija ta' impjieg kif ukoll għal programmi ta' taħriġ, minflok ma jikkontribwixxi direttament għal benefiċċji tal-qgħad li huma r-responsabilità tal-istituzzjonijiet nazżjonali;
8. Jiddispjaċih li l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' taħriġ ma tiddeskrivix f'liema setturi l-ħaddiema x'aktarx isibu impjieg u jekk il-pakkett ġiex adattat għall-prospetti ekonomiċi tal-ġejjieni fir-reġjun;

9. Jiddispjaċih li l-miżuri għall-appoġġ tal-impreditorjat ma jinkludu l-ebda appoġġ finanzjarju għat-twaqqif ta' negozju proprju, waqt li qed jiġu offruti bosta inċentivi finanzjarji għall-ħaddiema b'segwitu għal taħriġ;

Dejjem tiegħek,

Is-Sur Pervenche Berès

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 10.10.2012 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 26 -: 8 0: 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Marta Andreasen, Richard Ashworth, Francesca Balzani, Reimer Böge, Zuzana Brzobohatá, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlik, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Potito Salatto, Alda Sousa, Helga Trüpel, Derek Vaughan, Angelika Werthmann |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Alexander Alvaro, Jürgen Klute, Georgios Papastamkos, Nils Torvalds, Catherine Trautmann |